Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

25.2.2026

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Awstrija - EGF/2025/005 AT/KTM (2026/0037(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni waqt il-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Frar 2026. Matul dik il-laqgħa, iddeċieda li jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, l-opinjoni li tidher hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

A. Billi, fil-15 ta' Settembru 2025, l-Awstrija ppreżentat applikazzjoni EGF/2025/005 AT/KTM għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG), wara s-sensji fl-intrapriża KTM Gruppe (KTM) fl-Awstrija, li topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-diviżjoni 30 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport), fejn is-sensji mġarrba mill-intrapriża seħħew fl-Awstrija ta' Fuq (AT31), reġjun tal-livell NUTS 2;

B. Billi l-Awstrija ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu referenzjarju ta' erba' xhur (f'dan il-każ mill-25 ta' Frar 2025 sal-25 ta' Ġunju 2025) f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati fil-qasam ta' forniturі u produtturi downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet; billi, wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati;

C. Billi matul il-perjodu referenzjarju kien hemm 233 ħaddiem issensjat f'KTM; billi minbarra l-ħaddiema li diġà ssemmew, il-benefiċjarji eleġibbli jinkludu 1 255 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom twaqqfet qabel jew wara l-perjodu referenzjarju ta' erba' xhur. billi dawn il-ħaddiema kollha waqqfu l-attività tagħhom fi żmien sitt xhur qabel il-bidu tal-perjodu referenzjarju fil-25 ta' Frar 2025 u/jew bejn it-tmiem tal-perjodu referenzjarju u l-jum qabel l-adozzjoni ta' din il-proposta, kif meħtieġ mir-Regolament dwar il-FEG; billi l-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa 1 488;

D. Billi, fis-6 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur l-Awstrija biex tiġi appoġġjata l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema ssensjati;

E. Billi l-eventi li wasslu għal dawn is-sensji huma l-proċedimenti ta' insolvenza ta' KTM Gruppe; billi KTM kienet l-akbar intrapriża sussidjarja ta' Pierer Mobility AG (90 % tal-fatturat ta' Pierer); billi bħala produttur tal-muturi, KTM żviluppat biex saret l-akbar produttur tal-muturi fl-Unjoni Ewropea (mill-2012); billi KTM għandha s-sede f'Mattighofen fid-distrett ta' Braunau, fl-Awstrija ta' Fuq; billi f'Diċembru 2023, Pierer ħabbar id-delokalizzazzjoni tal-produzzjoni lejn iċ-Ċina u l-Indja, u dan wassal għall-ewwel mewġa ta' sensji li eliminat 300 impjieg fl-impjant ta' Mattighofen; billi dan kien primarjament dovut għall-kostijiet lavorattivi ferm aktar baxxi f'dawn il-pajjiżi, b'fatturi oħra li kienu l-prossimità għas-swieq tat-tkabbir, peress li d-domanda fl-Ewropa kienet qed tonqos, kif ukoll restrizzjonijiet inqas stretti fuq ix-xogħol; billi matul l-2024, il-kumpanija daħlet fi kriżi kbira, fejn il-bejgħ naqas b'29,4 %, li rriżulta f'inventarju eċċessiv (265 000 mutur fl-istokk) u f'telf ta' EUR 1,1 biljun, u d-dejn ta' KTM laħaq EUR 1,642 biljun; billi KTM bdiet tnaqqis massiv fil-kostijiet, inkluż is-sensji ta' aktar minn 500 impjegat; billi minkejja l-isforzi biex il-produzzjoni tiġi rilokata fl-Indja, il-proċedimenti ta' insolvenza kienu inevitabbli; billi bdew il-proċedimenti ta' ristrutturar għal Pierer, bi pjan ta' ristrutturar li ġie abbozzat għal KTM u l-affiljati tagħha; billi fid-29 ta' Novembru 2024, KTM applikat għall-insolvenza; billi

KTM kellha l-ewwel waqfien mill-produzzjoni tagħha minn Diċembru 2024 sa Marzu 2025; billi aktar minn 750 impjegat ieħor ingħataw is-sensja; billi fil-25 ta' Frar 2025, il-kredituri approvaw pjan ta' ristrutturar li offrielhom kwota ta' 30 % ta' dak li kienu dovuti; billi madankollu kien meħtieġ investitur li jakkwista lil KTM u jħallas il-kwota; billi waqt il-laqgħa tal-kredituri, il-proċedimenti ta' insolvenza tal-Grupp KTM kienu l-akbar li qatt seħħew fl-Awstrija ta' Fuq; billi fit-22 ta' Mejju 2025 investitur ġdid, Bajaj Auto International Holdings B.V. ipprovda r-riżorsi meħtieġa biex jiżgura l-kontinwità ta' KTM; billi l-pagament tal-kwota miftiehma lill-kredituri evita t-theddida tal-falliment ta' KTM u r-riskju li l-kumpanija tagħlaq darba għal dejjem; billi l-produzzjoni setgħet terġa' tibda fit-28 ta' Lulju 2025, filwaqt li tkomplew il-miżuri ta' awsterità u l-enfasi fuq il-kosteffiċjenza;

F. Billi l-insolvenza ta' KTM laqtet ħażin lir-reġjun madwar is-sede ta' Mattighofen; billi l-fatt li KTM Gruppe timpjega aktar minn 4 000 ħaddiem b'mod dirett fl-Awstrija ta' Fuq, mhijiex biss impjegatur sinifikanti iżda wkoll is-sinsla ekonomika ta' ħafna fornituri u ta' dawk li jipprovdu s-servizzi; billi l-ekonomija reġjonali ntlaqtet ħażin mill-insolvenza, u din wasslet għal tfixkil serju; billi b'konsegwenza ta' dan, il-qgħad fid-distrett ta' Braunau żdied b'39,8 % f'Ottubru 2024 u b'37,1 % f'Novembru 2024, meta mqabbel mal-istess xhur tas-sena preċedenti; billi, f'Marzu 2025, dan wassal għall-akbar rata ta' qgħad li qatt ġiet irreġistrata fid-distrett ta' Braunau, li rrappreżentat l-ogħla livell ta' qgħad fid-distretti tas-suq tax-xogħol kollha fl-Awstrija;

G. Billi l-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 420;

H. Billi l-Awstrija indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar il-FEG;

I. Billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027;

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-objettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji, u li jagħtihom appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati bl-għan li l-benefiċjarji jintegraw mill-ġdid u malajr f'impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew u jingħataw appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej li huma meħtieġa b'mod urġenti; itenni, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, biex tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament dwar il-FEG huma ssodisfati, u li l-Awstrija hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 806 624 skont dak ir-Regolament, li tirrappreżenta 60 % tal-kost totali ta' EUR 3 011 040;

3. Jinnota l-fatt li l-Awstrija pprovdiet l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa li ġew issodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi u li se jiġu rispettati l-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni meta jiġu aċċessati u implimentati l-miżuri proposti;

4. Jisħaq li l-Awstrija kkonfermat li l-miżuri appoġġati mill-FEG mhuma se jirċievu l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;

5. Jinnota li l-pakkett ikkoordinat personalizzat li għandu jiġi pprovdut lill-ħaddiema ssensjati jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin: (a) (a) ġestjoni tal-każijiet, (b) gwida għall-karriera – orjentazzjoni tal-karriera, (c) taħriġ u taħriġ mill-ġdid, (d) tiftix proattiv ta' impjieg, u (e) allowance għat-taħriġ – sussidju relatat mat-taħriġ; jilqa', fil-kuntest tal-gwida għall-karriera, l-attenzjoni li nġibdet għall-prospetti tal-karriera fl-impjiegi ekoloġiċi, u l-enfasi li saret fuq il-ħiliet diġitali fil-pjanijiet ta' azzjoni individwali;

6. Jisħaq b'mod partikolari fuq l-importanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li l-pakkett ikkoordinat jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa fil-futur, li jridu jkunu kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u li jiffoka b'mod partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali;

7. Ifakkar fil-possibbiltà ta' miżuri speċjali limitati fiż-żmien fil-pakkett ikkoordinat, inkluż, fost l-oħrajn, li jitħallsu l-allowances għall-indukrar tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti.